MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-7 ta' April, 2009

Citazzjoni Numru. 272/2008

Kawza fil-lista: 22

**A B**
**vs**
**L-Avukat Dottor Beppe Fenech Adami**
**u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud nominati kuraturi deputati**
**sabiex jirrapprezentaw lill-assenti C D E F G D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-kontendenti zzewgu f' Malta fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija tmienja u disghin (1998) (Dok. A);

2. Illi l-partijiet ghamlu ftit zmien johorgu flimkien, u peress li l-intimat kellu problemi sabiex jkun jista' joqghod Malta, l-attrici accettat li tizzewweg.

3. Illi l-intimat, li huwa ta' nazzjonalita' Egizzjana, qatt ma ghex hajja ta' bniedem mizzewweg, u z-zwieg lanqas qatt ma gie kkunsmat, u dan kif jista' jigi ippruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

4. Illi xi gimghat wara z-zwieg l-intimat qabad u telaq mid-dar matrimonjali u minn dakinhar l-attrici qatt ma regghet semghat minghandu, u sa llum lanqas taf fejn jinsab.

5. Illi minn ricerki illi ghamlet l-attrici jirrizulta illi l-intimat m' ghadux jghix Malta, u dan kif jista' jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

6. Illi l-attrici tesponi umilment illi huwa car ghaliha illi l-intimat izzewweg lill-attrici sempliciment ghaliex ried jibqa' jghix Malta u mhux ghaliex ried jidhol f' rabta taz-zwieg maghha.

7. Illi ghalhekk il-kunsens ta' l-intimat kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, u dan skond l-Artikolu 19(1)(d) ta' Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

8. Illi jinghad ukoll illi mill-fatti tal-kaz, jirrizulta illi l-kunsens ta' l-intimat kien vizzjat peress illi inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u ta' l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u dan ai termini ta' l-Artikolu 19(1)(f) ta' Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

9. Illi inoltre, dan iz-zwieg qatt ma gie kkunsmat, u ghalhekk huwa null ai termini ta' l-artikolu 19A tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghadaqstant, in vista tal-premess, l-attrici titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni, ordni u provvediment opportun joghgobha:

Tiddikjara illi z-zwieg celebrat mill-kontendenti fid-disgha u ghoxrin (29) ta’ Mejju tas-sena elf disa’ mija tmienja u disghin (1998), f’ Malta huwa null u bla effett, ai termini ta’ l-Artikolu (19)(1)(d) u 9(f) u l-Artikolu 19A ta’ Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

B’ riserva ghal kull azzjoni spettanti lill-attrici skond il-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-intimat, li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li biha eccepew li f’ dak l-istadju ma kienux edotti mill-fatti tal-kaz, u rrizervaw li jipprezentaw risposta ulterjuri kif ikun edotti;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz l-affidavit prezentat;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kkuntrattat mal-konvenut assenti fid-29 ta’ Mejju 1998 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-intimat kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta mhux kontraddett li l-attrici, cittadina Maltija ta’ 26 sena, zzewwget lill-konvenut assenti, cittadin Egizzjan ta’ 34 sena, wara li kienu ilhom jafu lil xulxin circa xaharejn.

Illi l-attrici tispjega li, wara li kienu ilhom johrogu flimkien xaharejn, il-konvenut kien ipproponilha z-zwieg peress li kellu problema ta’ soggjorn f’ Malta. L-attrici, li f’ dak iz-

zmien kellha l-problema tax-xorb, kienet accettat li tizzewwgu, izda qatt ma kienet bassret li l-iskop tal-konvenut li jizzewwigha kien biss sabiex jottjeni c-cittadinanza maltija.

Dak in-nhar taz-zwieg wara li spiccat ic-cerimonja "huwa talabni c-curkett tat-tieg lura, ghax qal illi kien tax-xhud u li kien ser jixtrili wiehed aktar tard. Ezatti wara c-cerimonja taz-zwieg huwa ma riedx jigi joqghod fid-dar konjugali mieghi izda, minnflok telaq ma shabu u abbandunani. Sussegwentement kien ikkuntatjani sabiex niffirmalu xi dokumenti." L-attrici tghid ukoll li l-konvenut, allura zewgha ma kienx interessat li jikkonsuma z-zwieg taghhom.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-kwadru premess il-Qorti tirravvisa l-ezistenza tal-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [f] ta' l-artikolu precitat, fil-konfront tal-konvenut assenti li, ghalkemm esternament ghadda minn cerimonja ta' zwieg, izda nternament u b' att pozittiv tal-volonta' tieghu huwa eskluza z-zwieg fih innifsu billi eskluda b' mod manifest l-intenzjoni tieghu li jghix il-hajja konjugali ma' l-attrici. L-uniku skop tieghu kien li jakkwista c-cittadinanza jew l-free-movement f' Malta.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba ta' l-attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attrici, u tiddikjara null fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn iz-zewg partijiet fid-29 ta' Mejju 1998. L-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati mill-konvenut, izda dawk relattivi ghal kuraturi deputati ghandhom provvizorjament jithallsu mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------